# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Lulju 2017**

**Numru 5**

**Rikors numru 62/15 MH**

**Angelo Zahra**

**v.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, l-Avukat Generali, Kummissarju tat-Taxxi u l-Kummissarju tal-Pulizija**

<u>Preliminari</u>

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed ad istanza tal-intimati, u l-iehor ad istanza tar-rikorrenti, minn sentenza [is-sentenza appellata] mogħtija fl-1 ta' Marzu 2017 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li ddikjarat li l-Prim Ministru mhuwiex legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u

lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju, cahdet il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati; laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u ddikjarat li l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Zahra** decizi fis-27 ta' Novembru 2008 u 18 ta' Dicembru 2009 rispettivament jilledu id-dritt fundamentali tieghu protett bl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [il-Konvenzjoni]; laqghet it-tieni talba u ddikjarat li bl-impozizzjoni ta' piena ta' prigunerija effettiva bi ksur tal-principju tan-*ne bis in idem* gie lez ukoll fil-konfront tieghu l-Artikolu 5 tal-istess Konvenzjoni; laqghet it-tielet talba u ddikjarat illi l-paragrafu 3 tal-Artikolu 83 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud [Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta] jikser l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni; laqghet r-raba' talba u ordnat it-thassir tas-sentenzi kriminali fuq indikati stante li l-proceduri kriminali kienu vjolattivi tal-Artikolu 4 fuq indikat; cahdet il-hames talba diretta biex jithassru l-multi amministrattivi u l-imghaxijiet relattivi; cahdet is-sitt talba diretta sabiex ir-rikorrent jinghata kumpens tal-vjolazzjoni subita minnu u, ordnat li l-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-intimati Avukat Generali, Kummissarju tat-Taxxi u l-Kummissarju tal-Pulizija *solidalment* bejniethom, filwaqt li l-ispejjez tal-Prim Ministru jaghmel tajjeb ghalihom ir-rikorrent.

Fatti

2. Il-kawza odjerna tirrigwardja l-pendenzi ta' ammonti ta' flus rapprezentanti Taxxa Fuq il-Valur Mizjud [VAT] li r-rikorrent kellu mad-Dipartiment koncernat ghas-sena 1999, skont il-Kap 406. Il-penali amministrattivi u l-imghaxijiet dovuti mir-rikorrent lill-intimat Kummissarju tat-Taxxi jirraprezentaw: *Late Return Penalty* li tiskatta bir-rata ta' 1% fix-xahar meta tigi sottomessa denunzja tardiva; *Late Payment Penalty* li tiskatta wkoll bir-rata ta' 1% fix-xahar meta l-pagament fuq id-denunzja jsir tardivament, u l-imghax b'rati li nbidlu mal-medda tas-snin, kif spjegat b'mod car fis-sentenza appellata.

3. Permezz ta' sentenza datata 27 ta' Novembru 2008 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, sabet lil Angelo Zahra hati tar-reat ta' approprijazzjoni indebita tas-somma ta' €75,196.48 (Lm32,281.85) li hu kien gabar minghand terzi bhala VAT, liema ammont huwa naqas milli jhallas lill-Kummissarju fuq indikat. Huwa gie kkundannat piena ta' prigunerija ta' tlettax-il xahar sospiza ghall-perjodu ta' sentejn u gie wkoll ordnat sabiex fi zmien sitt xhur minn dik is-sentenza ihallas is-somma fuq indikata.

4. Illi, stante li r-rikorrent baqa' ma hallasx l-imsemmija somma, b'sentenza datata 18 ta' Dicembru 2009, il-Qorti tal-Magistrati ordnat li

s-sentenza sospiza ta' tlettax il-xahar fil-konfront ta' Zahra tigi fis-sehh minn dakinhar. Konsegwentement huwa ddahhal fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fit-18 ta' Dicembru 2009 u skonta s-sentenza fis-7 ta' Settembru 2010.

5. Fit-28 ta' Dicembru 2009, ir-rikorrent kien ressaq petizzjoni lill-President ta' Malta fejn talab li tinhafirlu s-somma dovuta minnu, liema talba pero` ma gietx milqugha.

Talbiet

6. Fis-succint ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex, in vista tal-impozizzjoni ta' mizuri punittivi multeplici, issib ksur fil-konfront tieghu tal-Artikolu 4 tas-Seba Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 5; tiddikjara illi l-paragrafu 3 tal-Artikolu 83 tal-imsemmi Kapitolu 406 huwa null u bla effett ghaliex jikser l-Artikolu 4 fuq indikat; konsegwentement tiddikjara illi s-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet *Il-Pulizija kontra Angelo Zahra* tas-27 ta' Novembru 2008 u t-18 ta' Dicembru 2009 jiksru l-imsemmi Artikolu 4 u thassarhom; kif ukoll thassar il-multi amministrattivi u l-imghax punittiv mahruga kontra tieghu u tordna l-hlas ta' kumpens xieraq u taghti kull rimedju jew direttiva ohra li jidhrilha xieraq.

Is-Sentenza Appellata

7. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha a bazi tas-segwenti kunsiderazzjonijiet:

> “Fl-ewwel lok ghandha tigi ndirizzata **l-eccezzjoni preliminari tal-intimati** illi tghid li -
>
> *“….l-Onorevoli Prim’ Ministru għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li ai termini ta’ l-artikolu 181B tal-Kap 12 mhuwiex il-leġittimu kontradittur”.*
>
> “L-artikolu 181B tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, fis-subartikoli (1) u (2) tieghu jipprovdi hekk; -
>
> *“181B. (1) Il-Gvern għandu jkun rappreżentat fl-atti u fl-azzjonijiet ġudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni:*
>
> *“Iżda, mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu:*
>
> *“(a) kawżi għall-ġbir ta’ ammonti dovuti lill-Gvern jistgħu f’kull każ isiru mill-Accountant General;*
>
> *“(b) kawżi li jinvolvu kwistjonijiet dwar impieg jew obbligu ta’ servizz mal-Gvern jistgħu f’kull każ isiru mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;*
>
> *“(ċ) kawżi dwar kuntratti ta’ provvista jew ta’ appalt mal-Gvern jistgħu f’kull każ isiru mid-Direttur tal-Kuntratti.*
>
> *“(2) L-Avukat Ġenerali jirrappreżenta lill-Gvern f’dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern.*
>
> “Huwa car li l-ghan tal-artikolu 181B huwa li fil-proceduri gudizzjarji l-Gvern ikun rapprezentat mill-Kap tad-Dipartiment involut, u fejn tali rapprezentazzjoni mhux possibbli minhabba n-natura tat-talba, huwa l-Avukat Generali li ghandu jidher bhala rapprezentant residwu tal-istess Gvern.

"Kif inghad fil-kaz fl-ismijiet **Kenneth Brincat vs Avukat Generali et** deciza fl-10 ta' Jannar 2003[1] -

> *"Illi kif inghad fis-sentenza "**Raymond Gauci vs Il-Pulizija et**" (P.A. (S.K) (RCP) "ma hemm l-ebda dubju li l-iskop tal-emenda li saret f'dan l-artikolu imsemmi permezz talAtt XXIV tal-1995 kienet intiza sabiex wiehed jiffacilita' r-rikors lejn il-Qrati f'kull kawza inkluzi f'kazi ta' allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet fundamentali, u dan anke sabiex jigu evitati tragitti interminabbli dwar il-kwistjonijiet ta' min huwa legittimu kontradittur f'kawza, li sfortunatament il-Qorti kienet inondata bihom qabel l-imsemmija emenda, li hafna drabi u wisq izjed minn desiderabbli, wasslu biex azzjoni kostituzzjonali giet terminata fuq punti ta' procedura, minghajr ma l-Qorti ezaminat il-bazi tal-problema kostituzzjonali mqajjma…"*

"Fil-kaz tal-lum l-azzjoni tar-rikorrent hija diretta biex timpunja l-agir tal-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-allegati mizuri punittivi, kif ukoll il-ligi stess li tippermetti tali sanzjonijiet.

"Il-Qorti hija konsapevoli li tezisti gurisprudenza konfliggenti dwar il-htiega o meno tal-prezenza tal-Prim Ministru f'kazijiet fejn tkun qeghda tigi attakkata ligi. Fil-kaz **Anthony P. Farrugia vs L-Onorevoli Prim Ministru et deciz fis-17 ta' Novembru 2011** din il-Qorti diversament preseduta kienet qalet hekk -

> *"Illi jekk wiehed iqis kif inhija mfassla l-ewwel talba tar-rikorrent, wiehedisib li hija l-ligi nnifisha li qieghda tkun attakkata bhala dik li biha huwagarrab ksur ta' jedd fundamentali tieghu. F'dan ir-rigward, l-intimat Onorevoli Prim Ministru jkollu locus standi fil-kawza, imqar b'riferenza ghal dik it-talba.Dan qieghed jinghad biss b'riferenza ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn f'dik it-talba u lil hinn minn kull kunsiderazzjoni dwar is-siwi taghha jew konsiderazzjonijiet fil-mertu dwarha, li ghadu bikri wisq biex isiru f'dan il-waqt."*

"Izda l-Qorti Kostituzzjonali hadet pozizzjoni diversa fil-kaz **Robert Ciantar vs L-Onorevoli Prim Ministru et deciz 30 ta' Settembru 2016**[2]. Fir-rigward ta' aggravju mressaq mill-intimati appellanti Onorevoli Prim Ministru et dwar dik il-parti tas-sentenza tal-Ewwel Qorti li kienet ikkonkludiet li l-Prim Ministru kien legittimu kontradittur, intqal hekk -

> *"17. Ghalkemm fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti tikkwota b'mod estensiv mis-sentenza **Anthony P. Farrugia v. L-Onorevoli Prim Ministru et**, fejn dik il-Qorti, fost affarijiet ohra u ghar-ragunijiet hemm indikati u b'referenza ghall-Artikolu 242 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, iddecidiet illi l-Prim Ministru ghandu locus standi fi proceduri konsimili, il-posizzjoni legali korretta hija dik enuncjata minn din il-Qorti f'diversi sentenzi citati fil-kawza fl-ismijiet **Emanuel Caruana et v. Il-Prim Ministru et**, fejn din il-Qorti osservat hekk:*

[1] Rik Kost 38/01
[2] Rik Kost Nru 14/11

*"… … … din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta** fejn din il-Qorti indirizzat il-vertenza kemm fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu fuq citat kif ukoll b'referenza ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 242 indikat fis-sentenza appellata:*

*".......l-Artikolu 181B tal-istess kap, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji. .......... jistipula b'mod car li r-rapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma' l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f'certu kazijiet bhal dawk in dizamina kellu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - quod lex voluit lex dixit. Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza **H. Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali** moghtija fit-30 ta' Settembru 2012 li l-imsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' natura kostituzzjonali.*

*"Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza **Glenn Bedinfield v. Kummissarju tal-Pulizija et** deciza fil-31 ta' Lulju 2000:*

*"....proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Kap. 12 jidher li l-Prim Ministru ma kellux strettament locus standi f'dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta' rapprezentanza gudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-anqas il-prezenza tieghu ma kienitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens li l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn illigi ma tispecifikax mod iehor.*

*"…… Omissis ……*

*"[66.2] Li l-Artikolu 242 fuq citat ma jitkellimx dwar ir-rapprezentanza fl-atti gudizzjarji, izda jaghti biss fakolta' lill-Prim Ministru sabiex, dan fid-diskrezzjoni tieghu, inehhi ligi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni jew mal-Konvenzjoni. Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-Ministru appellat li, "ir-referenza lejn il-Prim Ministru [fl-Artikolu 242] ma kienitx qeghda ssir bhala r-rapprezentant tal-Gvern fi proceduri gudizzjarji, izda r-referenza hija intiza lilu bhala l-kap tal-fergha legislattiva tal-istat" biex inehhi inkonsistenzi mal-istrumenti legali fuq citati."*

*"Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat u qed jigi milqugh."*

"Il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet maghmula fil-kaz ta' **Robert Ciantar** appena citat u sejra tabbraccja l-istess. **Ghall-istess ragunijiet l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimati sejra tigi akkolta.**

"**Ikkunsidrat:**

"**Fl-ewwel talba tieghu** ir-rikorrent qieghed jitlob dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea minhabba n-numru ta' kastigi li huwa sofra b'rizultat tan-nuqqasijiet tieghu bhala direttur ta' Stratford Co.Ltd fir-rigward tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

"Dan l-artikolu 4 (1) tas-Seba' Protokoll jipprovdi hekk -

> *"1. Hadd ma jista` jkun ipprocessat jew jerga` jigi kkastigat ghal darb`ohra fi procedimenti kriminali taht il-gurisdizzjoni tal-istess Stat ghal xi reat li dwaru jkun diga` gie finalment liberat jew misjub hati skond il-ligi u l-procedura penali ta` dak l-Istat."*

"Dan l-artikolu ghalhekk jipprotegi d-dritt ta' persuna li ma tigix suggetta ghal piena ghal aktar minn darba ghall-istess reat, ukoll li ma tigix lanqas processata darbtejn ghal istess.

"Principji mportanti naxxenti minn din id-dispozizzjoni huma li –

> *"…….the protection of the ne bis in idem principle is not dependent on the order in which the respective proceedings are conducted; it is the relationship between the two offences which is material."*

"(**A and B v Norway deciz mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem [QEDB] fil-15 ta' Novembru 2016**[3])

"kif ukoll li –

> *"Article 4 of Protocol No. 7 is not confined to the right not to be punished twice but extends to the right not to be tried twice."*

"(**Franz Fischer v Austria deciz mill-QEDB fid-29 t'Awissu 2001**[4]).

"Issir referenza wkoll ghal dak li qalet il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fir-rigward tal-ko-applikazzjoni ta' penali amministrattivi u dawk kriminali. Fil-kaz **Aklagaren v Hans Akerberg Fransson deciz 26 ta' Frar 2013**[5], il-*Grand Chamber* ikkonkluda hekk -

> *"The ne bis in idem principle laid down in Article 50 of the Charter of Fundamental Rights of the European Union does not preclude a Member State from imposing successively, for the same acts of non-compliance with declaration obligations in the field of value added tax, a tax penalty and a criminal penalty in so far as the first penalty is not criminal in nature, a matter which is for the national court to determine."*

"Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti tqis ben pruvat illi hemm ness dirett bejn il-penali amministrattivi nflitti mid-Dipartiment fuq

[3] App. Nri. 24130/11 u 29758/11 - Para 140
[4] App. Nru 37950/97 – Para 29
[5] C-617/10

ir-rikorrent ghan-nuqqas t'adempjenza mal-obbligi fiskali tieghu u l-proceduri kriminali li ghalihom gie sottopost. Kif ammess mill-istess intimati –

"**Joseph Attard, Manager (Sezzjoni Gbir) fid-Dipartiment** xehed hekk:

> *"…il-penali u l-imghax fuq dan il-kont huma l-konsegwenza tan-nuqqas tar-rikorrent li jissottometti d-denunzji fil-hin bil-pagament iddikjarat minnu stess. Dawn in-nuqqasijiet u pendenzi jirrisalu ghall-1999…*
>
> *"Dawn huma flejjes migbura mir-rikorrent bhala taxxa fuq il-valur mizjud f'isem il-Gvern, li l-istess rikorrent m'ghaddiex lill-erarju pubbliku.*
>
> *"[…]*
>
> *"Wara diversi twissijiet amministrattivi min-naha tad-Dipartiment tal-VAT….l-istess Dipartiment ma kienx fadallu triq ohra hlief li jipprocedi kriminalment pero' dawk il-proceduri, li effettivament wasslu ghall-inkarcerar tieghu wara sejbien ta' htija mill-Qorti Kriminali kompetenti, kienu limitati ghat-taxxa dikjarata u mhux imhallsa u ma kienu jinvolvu l-ebda penali jew imghaxijiet ulterjuri[6]."*

"**Paul Scicluna, Spettur tal-VAT** kompla hekk -

> *"Dan l-ufficcju wara li falla t-tentattivi amministrattivi tieghu sabiex jigbor il-flus dovuti…..kien kiteb lill-Kummissarju tal-Pulizija..sabiex jiehu passi kontra s-sur Zahra fuq misapproprjazzjoni ta' fondi pubblici….[7]"*

"Ma hemm ebda dubju ghalhekk li bhala fatt, filwaqt li d-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Mizjud kien impona *late return penalty*, *late payment penalty* u *imghax* fuq ir-rikorrent minhabba l-infrazzjonijiet tal-ligi tal-VAT, huwa ha passi wkoll tramite l-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fir-rigward tal-istess infrazzjonijiet jigu istitwiti proceduri kriminali kontra l-istess rikorrent quddiem il-Qorti tal-Magistrati Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali prinicipalment fuq ir-reat ta' misaproppjazzjoni.

"Dak li issa jrid jigi evalwat minn din il-Qorti ai fini tal-artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni huwa jekk il-multi amministrattivi li r-rikorrent Zahra gie sottopost ghalihom jistghux jitqiesu tant severi li jammontaw ghal "piena penali".

"Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Robert Ciantar vs Onorevoli Prim Ministru[8]** qalet hekk**-**

[6] Affidavit a fol 188-189
[7] Affidavit a fol 153
[8] Supra.

*"….il-punti krucjali li ghandhom jigu ezaminati sabiex jigi determinat jekk il-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tar-rikorrent humiex lezivi tad-dritt tieghu kontemplat fl-artikolu fuq citat huma, [a] jekk il-multi amministrattivi humiex ta' certu entità li jikkwalifikaw bhala ta' natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bhala deterrent u, [b] jekk dawk il-multi kienux diga' gew impost fuq ir-rikorrent u kienux ghadhom pendenti meta ttiehdu l-proceduri kriminali kontra tieghu.*

*38. Din il-Qorti kellha digà okkazzjoni li tezamina cirkostanzi simili fil-kaz* ***David Mifsud v. Onor. Prim Ministru et*** *deciz fl-24 ta' Gunju 2016. F'dak il-kaz gew identifikati s-segwenti principji in materja applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:*

*" … … … f'kaz recenti* ***Grande Stevens v. Italy****, il-Qorti Ewropea ghamlet is-segwenti enuncjazzjonijiet dwar dan id-dritt fundamentali:*

*'220. The guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 becomes relevant on commencement of a new prosecution, where a prior acquittal or conviction has already acquired the force of res judicata……..*

*'221. The Court's inquiry should therefore focus on those facts which constitute a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which must be demonstrated in order to secure a conviction or institute criminal proceedings [see* ***Sergey Zolotukhin****, cited above, §84]……*

*"……… Omissis ………*

*'229. … … … administrative sanctions may, for the purposes of the application of the Convention, be qualified as criminal sanctions [see paragraph 61 above]. Further, in its Åklagaren v. Hans Åkerberg Fransson judgment, on the subject of value-added tax, the ECJ stated that, under the ne bis in idem principle, a State can only impose a double penalty [fiscal and criminal] in respect of the same facts if the first penalty is not criminal in nature"…[sottolinear ta' din il-Qorti]*

*"……… Omissis ………*

*"74. Imiss issa li jigi ezaminat jekk giex vjolat id-dritt fundamentali ta' l-attur, li ma jigix sentenzjat jew kastigat darbtejn ghall-istess fatti, bit-tehid ta' proceduri penali kontra tieghu meta kienu diga' imposti fuqu multi amministrattivi minn naha tal-Kummissarju.*

*"75. Jirrizulta kif ben osservat l-ewwel Qorti, illi l-Kap. 406 jikkontempla li persuna registrata li tonqos milli tipprezenta d-denunzji fil-hin, tehel multi amministrattivi sostanzjali u imghax fuqhom. Ukoll jinsab assodat fil-gurisprudenza Ewropea kostanti in materja illi, in kwantu l-multi amministrattivi jew penalitajiet u l-imghax fuqhom huma intizi sabiex iservu ta' deterrent u bhala mizuri punitivi u kemm-il darba dawn ikunu f'ammonti sostanzjali allura jikkwalifikaw bhala 'criminal penalty'.*

> *"76. Huwa dan il-fattur ta' konkorrenza tal-multi amministrattivi u multi imposti mill-qrati kriminali li setà jwassal ghall-vjolazzjoni tal-principju tan-ne bis in idem … … …*
>
> *"77. … … ... fil-fehma ta' din il-Qorti dak li huwa vjolattiv tal-principju tan-ne bis in idem mhumiex il-proceduri kriminali wahedhom izda l-fatt li dawn il-proceduri kienu ttiehdu fl-istess zmien li fih il-Kummissarju kien diga' impona fuq l-attur multi amministrattivi sostanzjali ghall-istess nuqqas li kien jifforma l-mertu tal-proceduri kriminali."*

"B'zieda ma dan ssir referenza ghal dak li kkonkludiet l-Qorti Ewropea fid-decizzjoni **Engel and others vs the Netherlands**[9] fejn stabbilit dak li ghandhom jkunu il-kriterji li jikostitwixxu '*criminal charge'*, kif gew citati fid-decizzjoni **Ruotsalainen vs Finland** [10]

> "*43. The Court's established case-law sets out three criteria, commonly known as the "Engel criteria" (see Engel and Others vs the Netherlands, 8 June 1976, Series A no. 22), to be considered in determining whether or not there was a "criminal charge". The first criterion is the legal classification of the offence under national law, the second is the very nature of the offence and the third is the degree of severity of the penalty that the person concerned risks incurring. The second and third criteria are alternative and not necessarily cumulative. It is enough that the offence in question is by its nature to be regarded as criminal or that the offence renders the person liable to a penalty which by its nature and degree of severity belongs in the general criminal sphere (see: " Ezeh and Connors vs the United Kingdom [GC"], nos. 39665/98 and 40086/98, § 86, ECHR 2003-X). The relative lack of seriousness of the penalty cannot divest an offence of its inherently criminal character (see: "Ozturk vs Germany", judgment of 21 February 1984, Series A no. 73, § 54, and "Lutz vs Germany", judgment of 25 August 1987, Series A no. 123, § 55). This does not exclude a cumulative approach where separate analysis of each criterion does not make it possible to reach a clear conclusion as to the existence of a criminal charge (see, as recent authorities, "Jussila vs Finland [GC]", no. 73053/01, §§ 30-31, ECHR 2006-..., and "Ezeh and Connors", cited above, § 82*-86)."

"Insibu illi *"The notion of 'criminal' is however an autonomous one. So when the court is satisfied that the first decision before it is 'final', it must also address whether it was 'criminal' for the purpose of Article 4. Here it looks to the 'general principals concerning the corresponding words "criminal charge" and "penalty" respectively in Articles 6 and 7 of the Convention'. It has regard to such factors as 'the legal classification of the offence under national law: the nature of the offence, the national legal characteristics of the measure, its purpose, nature and degree of severity, whether the measure was imposed following conviction for a criminal offence and the procedures involved in the making and implementation of the measure'. As the Court has noted this range of*

[9] No 5100,71 23.11.1976. A22
[10] 13079/03, ECHR (16.06.2009)

*criteria is wider than that used in the Engel for article 6 of the Convention."* [11]

Fid-decizzjoni taghha suriferita ta' **Franz Fischer vs Austria**[12] il-Qorti Ewropea stabbilit illi *".. ..the key issue for ne bis in idem under article 4 was whether there had in reality been a trial or punishment 'again' (Article 4(1), the court pointed out, uses this word, not the expression 'the same offence'), for an offence for which the applicant had already been finally acquitted or convicted. Where different offences based on one act where prosecuted consecutively, one after the final decision of the other, the Court therefore, has 'to examine whether or not such offences have the* ***same essential elements'*** [13]

*"It does not automatically follow that there will be a violation of Article 4 of the Seventh Protocol if one act constitutes more than one offence and these are prosecuted on different occasions, perhaps in different courts. But if there are consecutive prosecutions for appartently different offences based on one act (one after the final decision of the other) the key test is whether such offences have 'the same essential elements'. If they do Article 4(1) will be violated for, as the Court has subsequently put it, Article 4(1) is aimed at preventing duplication of what is essentially the same criminal proceedings, 'it being the repetitive aspect of trial or punishment [which] is central to the legal problem in issue."*[14]

"Fid-decizzjoni ***Gradinger vs Austria***[15] il-Qorti tkellmet invece dwar ksur ta' l-artikolu 4(1) fejn it-tieni procedurii mehuda kienu *"… based on the same conduct*".

"Il-Qorti ta' Lussumburgu fid-decizzjoni taghha ta' **Van Esbroeck**[16] hadet din il-posizzjoni dwar il-kuncett ta' *ne bis in idem* fir-rigward ta' l-applikabilta' tieghu fil-qasam tal-**Convention Implementing the Schengen Agreement** (1990) [CISA]:[17]

> *"…the only relevant criterion for the purposes of the application of that article of the CISA is identity of the material acts, understood as the existence of a set of concrete circumstances which are inextricably linked together (…) in time, in space and by their subject matter."*

---

[11] **Harris, O'Boyle & Warbrick: Law of the European Convention on Human Rights**. Second Edition page 751-752

[12] HUDOC (2001) para 23.

[13] Ibid page 753

[14] Ibid 753-754

[15] A 388-C (1995)

[16] Case C-436/04 [2006] ECR I-2333

[17] Ghalkemm hawn si tratta ta' relazzjonijiet intra statali fi hdan l-Unjoni.

"Din kienet interpretazzjoni vicin dik mhaddna aktar tard mill-Qorti Ewropea fid-decizzjoni **Pirttimaki vs Finland**[18] ta' 10 ta' Mejju, 2014 fejn intqal:

> *"Accordingly, the Court took the view that Article 4 of Protocol No. 7 had to be understood as prohibiting the prosecution or trial of a second "offence" in so far as it* ***arose from identical facts or facts which were substantially the same****. It was therefore important to focus on those facts which constituted a set of concrete factual circumstances involving the same defendant and inextricably linked together in time and space, the existence of which had to be demonstrated inorder to secure a conviction or institute criminal proceedings".*

"Il-Qorti tqis li fil-kaz odjern, u kif irrizulta mill-provi, l-multi amministrattivi li d-Dipartiment hareg kontra r-rikorrent huma sostanzjali. Dawn il-multi ghadhom fis-sehh u huma koperti b'Mandati ezekuttivi[19]. Gew iskritti wkoll Privileggi favur id-Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud[20]. Certament ghalhekk li fuq l-iskorta tas-sentenzi w insenjamenti citati, il-penali amministrattivi ghandhom jigu meqjusa bhala ta' natura penali imposti bl-iskop punittiv sabiex jservu bhala deterrent.

"Il-Qorti ssib ukoll li a bazi tal-istess fatt, u cioe' n-non adempjenza tal-obbligi fiskali tieghu, ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent li wasslu biex huwa gie sentenzjat ghal piena ta' prigunerija sospiza. Eventwalment, wara li r-rikorrent naqas li jikkonforma ruhu maghha, b'sentenza ohra tal-Qorti il-piena ta' prigunerija giet reza effettiva. Jirrizulta lli r-rikorrenti naqqas li jhallas lil Gvern ta' Malta dak minnu migbur minghand it-terz bhala VAT tul medda ta' snin, dana il-fatt jittraduci ruhu ghal xejn anqas minn dak l-element fattwali kostittutiv tar-reat ta' misappropjazzjoni kontemplat taht l-artikolu 293 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar iz-zamma ta' oggett, flus f'dan il-kaz, li jgib maghha l-obbligu ta' uzu detterminat, li jithallsu lil-Gvern, li tieghu r-rikorrenti ukoll gie processat u nstab hati u spicca ghamel xhur il-habs. Bla dubbju ta' xejn hawn si tratta ta' '*the same essential elements'* u '*same conduct'* skont l-insenjamenti surriferiti.

"Huwa palezi wkoll li meta gew inizjati l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent dwar ir-reat bazat fuq l-istess fatt, il-multi amministrattivi kienu diga' *in vigore*.

"Kif qalet ghalhekk il-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Angelo Zahra vs L-Onorevoli Prim Ministru et deciz fid-29 ta' Mejju 2015**[21] -

> *"Minn dan jirrizulta car li bit-tehid kontra r-rikorrent ta' proceduri kriminali wara li gia` gew imposti l-multi "amministrattivi", ir-rikorrent*

[18] No. 35232/11
[19] Fol 44-73, 111
[20] Fol 108-110
[21] App. Nru 33/13

> *mhux talli gie processat darbtejn fuq l-istess fatti, izda talli gie wkoll penalizzat darbtejn in vjolazzjoni tal-artikolu konvenzjonali fuq citat."*

"Dan kollu fil-fehma tal-Qorti ghall-konkluzjoni wahda u cioe' li fil-kaz odjern, l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tar-rikorrent huma vjolattivi tal-principju tan-*ne bis in idem* kif protett bil-Konvenzjoni Ewropea. Huwa rrilevanti l-argument tal-intimati li fil-proceduri kriminali huwa ma wehilx multi ohrajn, ghax kif diga' gie affermat mill-gurisprudenza kwotata, huwa l-fatt wahdu li r-rikorrent gie processat it-tieni darba li huwa leziv u mhux l-ezitu ta' dawk il-proceduri. F'kull kaz jinghad pero' ghall-istess nuqqasijiet tieghu r-rikorrent xorta wehel piena ta' prigunerija li huwa spicca skonta fl-intier taghha.

"In vista ta' dak konstatat, is-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Angelo Zahra* tas-27 ta' Novembru 2008 u tal-18 ta' Dicembru 2009 ghandhom jitqiesu lezivi ta' dan l-istess artikolu tas-Seba' Protokoll.

"**Ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrent sejra tigi milqugha.**

"**Fit-tieni talba** tieghu r-rikorrent jitlob ukoll dikjarazzjoni ta' ksur tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea in vista tal-impozizzjoni ta' piena ta' prigunerija permezz tas-sentenzi mpunjati tal-Qorti tal-Magistrati. Is-subartikolu 1 (a) u 5 ta' dan l-artikolu jipprovdi hekk -

> *" (1) Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurtà tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mil-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skont il-proċedura preskritta bil-liġi:*
>
> *(a) "id-detenzjoni skont il-liġi ta' persuna wara li tinsab ħatja minn qorti kompetenti;*
>
> *"[….]*
>
> *"(5) Kull min ikun vittma ta' arrest jew detenzjoni bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jkollu dritt esegwibbli għal kumpens."*

"Fil-kaz **Assanidze v Georgia** deciz mill-QEDB fit-8 t'April 2004[22] intqal hekk -

> *"170. All persons are entitled to the protection of that right, that is to say, not to be deprived, or to continue to be deprived, of their liberty (see Weeks v. the United Kingdom, judgment of 2 March 1987, Series A no. 114, p. 22, § 40), save in accordance with the conditions specified in paragraph 1 of Article 5. The list of exceptions set out in Article 5 § 1 is an exhaustive one (see **Labita v. Italy** [GC], no. 26772/95, § 170, ECHR 2000-IV, and **Quinn v. France**, judgment of 22 March 1995, Series A no. 311, p. 17, § 42) and only a narrow interpretation of those exceptions is consistent with the aim of that provision, namely to ensure that no one is arbitrarily deprived of his or*

[22] App. Nru 71503/01

*her liberty (see **Engel and Others v. the Netherlands**, judgment of 8 June 1976, Series A no. 22, p. 25, § 58, and **Amuur v. France**, judgment of 25 June 1996, Reports 1996-III, p. 848, § 42).*

*"[….]*

*"Thus, the provisions of Article 5 require the detention to be "in accordance with a procedure prescribed by law" and any decision taken by the domestic courts within the sphere of Article 5 to conform to the procedural and substantive requirements laid down by a pre-existing law (see **Agee v. the United Kingdom**, Commission decision of 17 December 1976, DR 7, p. 165)."*

"Il-Qorti ssib li la l-proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrent huma lezivi tad-drittijiet fundamentali, il-konsegwenzi kollha naxxenti minn dawk il-proceduri, u cioe' l-piena ta' habs moghtija fil-konfront tar-rikorrent u l-inkarcerazzjoni tieghu ghall-perjodu mit-18 ta' Dicembru 2009 sas-7 ta' Settembru 2010 sehhew ukoll bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

"**Ghalhekk it-tieni talba tar-rikorrent sejra tigi milqugha.**

"**Fit-tielet talba** tieghu r-rikorrent qieghed jitlob li l-paragrafu 3 tal-artikolu 83 tal-Kap 406 jigi meqjus leziv tal-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

"In vista ta' dak li appena nghad fir-rigward tal-ewwel talba l-Qorti ssib li din it-talba hija wkoll gustifikata. Kif kompla nghad fil-kaz **Robert Ciantar vs L-Onorevoli Prim Ministru**[23] **-**

*"Din il-Qorti tirribadixxi li l-Artikolu 83(3) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta huwa inkonsistenti mal-Artikolu 4 tas-7 Protokoll tal-Konvenzjoni, in kwantu dak is-subinciz jiprospetta proprju sitwazzjoni bhal dik odjerna fejn persuna, oltre l-impozizzjoni ta' multa amministrattiva sostanzjali, tigi sottoposta wkoll ghal proceduri penali quddiem il-Qorti tal-Magistrati dwar l-istess nuqqas."*

"Il-Qorti sejra tabbraccja dan l-insenjament u taghmlu taghha. **It-tielet talba tar-rikorrent ghaldaqstant sejra tigi milqugha wkoll.**

"**Fir-raba' talba** tieghu r-rikorrent jitlob it-thassir taz-zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati moghtija fil-konfront tieghu, **liema talba ghar-ragunijiet premessi sejra wkoll tigi milqugha**.

"**Fil-hames talba** tieghu ir-rikorrent qieghed jitlob it-thassir tal-multi amministrattivi u l-imghax punittiv mahrugin kontrih. Din it-talba mhijex gustifikata ghax il-lezjoni misjuba mill-Qorti tirrigwarda **biss u unikament** il-proceduri kriminali inizjati kontra r-rikorrent.

"Kif inghad fil-kaz **Robert Ciantar vs L-Onorevoli Prim Ministru**[24] **-**

[23] supra

> *"….din il-Qorti tosserva li l-ksur ma sehhx minhabba l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi u imghaxijiet fuqhom, izda sehh bil-ftuh tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent fiz-zmien meta kienu digà gew imposti fuqu dawk il-multi. Huma ghalhekk il-proceduri kriminali li jmorru kontra l-princiju tan-ne bis in idem sancit fl-artikolu precitat u mhux il-multi amministrattivi u l-imghaxijiet fuqhom."*

"**Din it-talba sejra ghalhekk tigi michuda.**

"**Fis-sitt talba** r-rikorrent jitlob il-hlas ta' kumpens xieraq. Il-Qorti tqis li r-rimedju ewlieni ghall-ksur tad-drittijiet tieghu huwa t-thassir tas-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Bhala Gudikatura Kriminali fil-konfront tieghu.

"Il-Qorti hija ben konxxa u konsapevoli tal-fatt li f'kazijiet simili gieli nghata kumpens pekunjarju ghal-ksur kostituzzjonali rizultanti. Daqstant hija sensittiva ghal fatt illi r-rikorrenti spicca ghamel perjodu ta' prigunerija effettiva a bazi ta' sentenza illi llum qeghda tigi mhassra minhabba il-lezjoni misjuba. Pero lanqas ma tista l-Qorti tinjora l-fatt illi r-rikorrenti kellu ghal snin twal tgawdija ta' flejjes sostanzjali mhux appartenenti lilu, li gew sotratti mill-bwiet ta' terzi, li huma dovuti lill-erarju pubbliku. Minn din is-somma sostanzjali ta' €75,196.48[25], mizmuma minnu ghal snin twal certament gawda beneficcji. Ghalhekk din il-Qorti tqies li maghdud dan mat-thassir innifsu tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, li dan huwa kumpens xieraq u abbastanza adekwat.

"Tabbraccja hawn dal li qalet il-Qorti tal-Prim'Awla fil-konfront ta' l-istess talba fil-kawza ta' **Robert Ciantar**[26] gia surriferita:

> *"Dwar id-disa` (9) talba, il-Qorti hija tal-fehma li l-akkoljiment tal-hdax (11)[27] –il talba hija rimedju bizzejjed. Fir-rigett tad-disa` (9) talba, il-Qorti hadet konsiderazzjoni tal-fatt illi ma kienx legittimu l-argument tar-rikorrent li ma kienx possibbli ghalih illi jhallas it-taxxa dovuta, meta huwa risaput illi t-taxxa kienet tirrapprezenta flus li r-rikorrent suppost gabar minghand il-konsumatur mhux ghalih izda ghall-erarju pubbliku. Anke jekk ir-rikorrent kien qieghed jikkontesta l-legittimita` tal-multi u tal-penali, seta` jibbenfika mill-iskema offruta bla pregudizzju ghall-posizzjoni li ha fil-kawza tal-lum".*

"Ferm il-premess, il-Qorti ma tistax ma tqisx ukoll il-fatt kif sollevat mill-intimati lir-rikorrent qatt ma fittex li jibbenefika mit-tnaqqis tal-penali amministrattivi skont id-dispozizzjonijiet applikabbli tal-ligi[28].

---

[24] Supra.
[25] LM32,701.85c
[26] Robert Ciantar vs. OPM: P.A. 14/11JZM 29/10/2015
[27] Thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.
[28] Affidavit Paul Scicluna a fol 154

> "In fine u ghar-ragunijiet kollha suesposti, l-eccezzjonijiet kollha tal-intimati fil-mertu sejrin jigu respinti."

L-Appelli

8. B'rikors tal-appell prezentat fit-3 ta' Marzu 2017, l-intimati appellaw minn dik il-parti tas-sentenza appellata: (i) fejn instab ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u fejn gie ordnat it-thassir tas-sentenzi moghtija mill-qrati kriminali minhabba li nstab ksur tal-istess Artikolu; (ii) fejn gie dikjarat li l-Artikolu 83(3) tal-Kap 406 jikser l-Artikolu 4; (iii) fejn instab ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni;

9. Ghalhekk l-intimati jitolbu lil din il-Qorti sabiex [1] tikkonferma s-sentenza appellata f'dawk il-partijiet fejn helset lill-Onorevoli Prim Ministru mill-harsien ta' dan il-gudizzju, fejn cahdet il-hames u s-sitt talba ta' Angelo Zahra u fejn astjeniet milli tqis is-seba' talba u, [2] thassarha, u tannullaha fil-bqija, jigifieri fejn cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati, fejn laqghet l-ewwel erba' talbiet tar-rikorrent u fejn ghabbiet l-ispejjez tal-kawza fuq l-intimati u minflok, tilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimati u b'hekk tghaddi biex tichad ukoll l-ewwel erba' talbiet tar-rikorrent, b'dan li l-ispejjez kollha taz-zewg istanzi ghandhom jigu akkollati lil rikorrent bhala l-parti telliefa f'dawn il-proceduri.

10. Ir-rikorrent wiegeb b'risposta datata 16 ta' Marzu 2017 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, jitlob lil din il-Qorti tichad l-appell interpost mill-Avukat Generali, Kummissarju tat-Taxxi u l-Kummissarju tal-Pulizija, bl-ispejjez kontrihom.

11. Ir-rikorrent appella b'rikors prezentat fis-6 ta' Marzu 2017, li permezz tieghu ressaq l-aggravji segwenti u qed jappella: [1] minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-intimati li l-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kuntradittur u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju u wkoll, [2] minn dik il-parti fejn l-ewwel Qorti cahdet il-hames u s-sitt talba diretti ghat-thassir tal-multi amministrattivi u l-imghaxijiet u wkoll ghall-hlas ta' kumpens xieraq rispettivament u fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni tas-seba' talba diretta biex il-Qorti taghti kull rimedju jew direttiva ohra li jidhrilha xierqa u, [3] minn dik il-parti fejn gie akkollat l-ispejjez relattivi ghall-Prim Ministru.

12. Ghalhekk qed jitlob sabiex din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma t-tieni, t-tielet, ir-raba', il-hames u s-sitt kap tas-sentenza appellata, thassar l-ewwel, is-seba', t-tmien, id-disa' u l-ghaxar kap, u konsegwentement tichad ir-risposta tal-appellat u tilqa' t-talbiet kollha tieghu.

13. L-intimati wiegbu b'risposta datata 9 ta' Marzu 2017, fejn, ghar-ragunijiet hemmhekk premessi jitolbu illi din il-Qorti joghgobha tirrespingi u tichad l-appell imressaq mir-rikorrent, bl-ispejjez kontra tieghu.

L-Aggravji tal-Appell tal-Intimati

*L-Ewwel Aggravju*

14. L-intimati jissottomettu li, sabiex tikkonfigura vjolazzjoni tad-dritt tan-*ne bis in idem* protett bl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll, jehtieg li ghall-istess "reat" persuna thabbat wiccha kemm ma' penali amministrattivi sostanzjali kif ukoll ma' proceduri kriminali, izda jekk iz-zewg proceduri, dawk kriminali u dawk amministrattivi, ikunu dwar reati distinti minn xulxin allura ma tistax tissussisti vjolazzjoni tal-artikolu fuq indikat.

15. Fil-kaz odjern l-impozizzjoni tal-penali amministrattivi hija bazata fuq reat differenti mir-reat formanti l-bazi tal-proceduri kriminali. Il-penali gew imposti fuqu ghaliex naqas milli jibghat id-denunzji fiz-zmien li suppost baghthom, filwaqt li l-proceduri kriminali ttiehdu a bazi tar-reat ta' approprijazzjoni indebita li kien gie kommess mir-rikorrent meta dana naqas milli jghaddi lill-Kummissarju tat-Taxxi l-ammont ta' €75,196.48 li

huma flejjes li f'denunzji tieghu huwa kien iddikjara li kien gabar f'isem il-gvern. Jsostnu li billi persuna ma baghtitx id-denunzji ma jfissirx li allura kien hemm ukoll l-approprijazzjoni indebita. B'hekk dawn iz-zewg reati huma separati u distinti minn xulxin.

16. Jissottomettu wkoll li, peress illi z-zewg kastigi ma nibtux mill-istess reat, l-ewwel Qorti ma setghetx tiddikjara li kien hemm ksur tal-artikolu protokollari fuq indikat u, ghalhekk l-ewwel u r-raba' talbiet tar-rikorrent ma kellhomx jigu milquha.

17. Ir-rikorrent, minn naha tieghu, iwiegeb billi jissenjala l-fatt li jirrizulta car illi l-multi amministrattivi jippunixxu l-istess agir penalizzat bis-sentenzi tal-qrati kriminali. Dan jirrizulta mill-fatt illi s-sentenzi kriminali gew imposti fuqu minhabba li hu baqa' ma hallasx l-ammont ta' VAT migbur minnu ghan-nom tal-istess Kummissarju intimat. In kwantu fost il-penali amministrattivi imposti fuqu kien hemm l-imposizzjoni ta' *Late Payment Penalty*, allura din kienet bid-dikjarar tippunixxi l-istess fatt klassifikat fil-ligi kriminal bhala approprijazzjoni. L-istess jinghad ghal *'Late Return Penalty* in kwantu din kienet tippunixxi n-nuqqas tieghu li jissottometti denunzja bil-pagament dovut u ghalhekk kienet tippunixxi fl-istess waqt lir-rikorrent ukoll ghar-reat ta' approprijazzjoni indebita. Isostni wkoll li l-imghax pagabbli taht il-Kap 406 huwa wkoll fih

innifsu mizura punittiva ghan-nuqqas tieghu li jhallas lid-Dipartiment dak migbur minnu bhala vat.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

18. Fl-ewwel lok u in vena legali, din il-Qorti tirribadixxi[29] li t-terminu "offence" fl-Artikolu 4 tas-Seba' Protocol ghandu jigi interpretat b'mod wiesa' fis-sens li jiggarantixxi li persuna ma tigix processata darbtejn fuq *"identical facts or facts which are substantially the same"*.[30] B'din l-interpretazzjoni l-Qorti Ewropea riedet tassigura li d-dritt protett bl-artikolu in dizamina jkun interpretat u applikat b'mod li jkun *"practical and effective, not theoretical and illusory."*[31] Dik il-Qorti tkompli tispjega hekk ir-ragunament li fuqha ibbazat l-osservazzjoni maghmula minnha:

> "82. The Court further notes that the approach which emphasises the legal characterisation of the two offences is too restrictive on the rights of the individual, for if the Court limits itself to finding that the person was prosecuted for offences having a different legal classification it risks undermining the guarantee enshrined in Article 4 of Protocol No. 7 rather than rendering it practical and effective as required by the Convention (…)."[32]

19. Kif jispjega l-Professor Bastiaan van Bockel fil-pubblikazzjoni tieghu: *The ne bis in idem principle in EU law A conceptual and jurisprudential analysis:*[33]

---

[29] Ara. Q.Kos.27/12 Peter Montebello vs Kummissarju tal-Pulizija et, 12 Frar 2016
[30] ECHR *Zolotukhin v. Russia,* 10 February 2009 [Appl. No. 1493/03]
[31] Ibid
[32] Ibid
[33] Pubbl. 23/05/2009, Pg 212 *et seq*

> "These clear and powerful statements are mostly self-explanatory; the Grand Chamber has overruled the earlier case law on this point in no uncertain terms[34] (with the exception only of Gradinger), and has taken a broad, functional approach to the interpretation of the same "offence". No doubt this approach is the most beneficial for legal certainty, and therefore for the subject.
>
> "The Court provided some further guidance on how this rule must be applied by national courts by explaining that the statements of fact from the previous decision will form 'an appropriate starting point' in determining 'whether the facts in both proceedings were identical or substantially the same' and went on to emphasize 'that it is irrelevant which parts of the new charges are eventually upheld or dismissed in the subsequent proceedings, because Article 4 of Protocol No. 7 contains a safeguard against being tried or being liable to be tried again in new proceedings rather than a prohibition on a second conviction or acquittal'".[35]
>
> "As always where the *ne bis in idem* principle is concerned, the next question will be: how must it be determined that a given set of facts is 'identical or substantially the same'? As discussed at several points in this study, there can be no single answer to this fundamental question, nor can the objective facts be seen entirely in isolation from the legal qualification of those facts where legal proceedings are concerned."

20. Din l-interpretazzjoni baqghet tigi adottata mill-Qorti Ewropea anke f'gurisprudenza iktar recenti.[36]

21. Fil-kaz odjern, din il-Qorti tosserva li n-nuqqas ta' hlas tat-taxxa minnu migbura u biex *ex lege* tigi mghoddija lill-Kummissarju tat-Taxxi, huwa l-bazi kemm tal-impozizzjoni tal-penali amministrattivi kif ukoll tar-reat meritu tal-proceduri kriminali, stante li apparti mill-vjolazzjonijiet tal-

---

[34] "While it is in the interests of legal certainty, foreseeability and equality before the law that the Court should not depart, without good reason, from precedents laid down in previous cases, a failure by the Court to maintain a dynamic and evolutive approach would risk rendering it a bar to reform or improvement" (para. 78 of the judgment).

[35] Para. 83

[36] Vide Pirttimaki v. Finland (35232/11), 10/05/2014; Nyaken v. Finland (11828/11), 20/04/2014 ikkwotati mill-ewwel Qorti, kif ukoll iktar recentement Lucky Dev v. Sweden (7356/10), 27 ta' Novembru 2014.

ligi fiskali, dan in-nuqqas tieghu wassal ghall-ezistenza tal-elementi materjali u intenzjonali sabiex jikkonfigura r-reat ta approprijazzjoni indebita li tieghu huwa kien instab hati fil-proceduri kriminali. Ghalhekk dan huwa kaz car ta' pieni imposti fuqu a bazi ta' fatti identici.

22. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*It-Tieni Aggravju*

23. Dan hu fis-sens li, ladarba il-proceduri kriminali ma kienux ttiehdu ghar-reati elenkati fit-Taqsima X tal-Kap. 406 u a bazi tad-dispozizzjonijiet tal-ligi li jaqghu that dik it-Taqsima, allura l-Artikolu 83[3] tal-imsemmi kap mhuwiex applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti, bir-rizultat li dan ma kellux l-interess guridiku necessarju sabiex jressaq talba ghal dikjarazzjoni li l-imsemmi artikolu jikkozza mal-artikolu konvenzjonali fuq indikat.

24. Is-subinciz [3] tal-Artikolu 83, li jaqa' taht it-Taqsima X jaqra hekk:

> "(3) Il-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' piena għal xi reat taħt din it-Taqsima[37] ma għandhomx jeħilsu lil xi persuna minn prosekuzzjoni taħt xi liġi oħra jew mill-obbligu ta' ħlas ta' xitaxxa jew penali amministrattiva li għandha jew li jista' jkollha taħtdan l-Att u l-bidu ta' proċedimenti jew l-impożizzjoni ta' xi pienagħal xi reat taħt xi liġi oħra jew il-ħlas ta' xi taxxa jew penaliamministrattiva taħt dan l-Att ma għandhomx jeħilsu lil xi persunaminn xi prosekuzzjoni jew piena taħt din it-Taqsima."

[37] Jigifieri Taqsima X

25. Din il-Qorti tosserva li kif jirrizulta wkoll mill-affidavit ta' Joseph Attard[38] ir-rikorrent kien gie mmultat penali amministrattivi a bazi tal-Artikolu 38(1) u imghax a bazi tal-Artikolu 21(4) tal-Kap 406, liema artikoli jaqghu taht Taqsima V tal-istess Kap. Jirrizulta wkoll illi l-proceduri kriminali li ttiehdu kontra r-rikorrent ma ttehdux a bazi tat-Taqsima X tal-istess Kap, izda a bazi tal-Kodici Kriminali, senjatament l-Artikoli 293 u 294.[39] Ghalhekk hija legalment sostenibbli t-tezi tal-intimati li d-dispozizzjoni kontenuta fl-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406 huwa inapplikabbli fil-kaz odjern.

26. Ghaldaqtant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tielet Aggravju*

27. Permezz ta' dan l-aggravju l-intimati jikkontestaw il-fatt illi l-ewwel Qorti sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni li jipprotegi l-jedd fundamentali tal-liberta` tal-individwu mill-interferenza ingusta u arbitrarja tal-istat. Jissenjalaw li fost l-eccezzjonijiet hemm elenkati l-paragrafu [c] tas-subinciz [1] li jaghti permess lill-istat li jcahhad il-jedd tal-liberta` ta' persuna meta d-detenzjoni tkun saret fl-ezekuzzjoni ta'

---

[38] Fol 188

[39] Vide sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati **Il-Pulizija v. Angelo Zahra** tas-27 ta' Novembru 2008 u tat-18 ta' Dicembru 2009 a fol 122 *et seq*.

sentenza jew ordni ta' qorti kompetenti dwar reati kriminali li taghha dik il-persuna tkun instabet hatja.

28. L-intimati jissottomettu li ma hemmx dubju illi d-detenzjoni ta' Angelo Zahra kienet giet awtorizzata bil-ligi minn qorti kompetenti, madankollu detenzjoni wara sentenza kriminali xorta titqies li tkun bi ksur tal-Artikolu 5 jekk jintwera li fil-process kriminali jkun twettaq *"a flagrant denial of justice".* L-ewwel Qorti sabet illi l-prigunerija kienet wahda llegali ghaliex sabet ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, izda huma jikkontendu illi in kwantu r-rikorrent ma sofra ebda ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol, ir-raguni moghtija mill-ewwel Qorti ghall-ksur tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni taqa' wkoll.

29. Ir-rikorrent jilqa' ghal dan il-gravam billi jsostni illi sentenzi tal-qrati kriminali kienu bbazati fuq qafas legali leziv tad-drittijiet fundamentali u dan, jammonta ghal 'flagrant denial of justice ... manifestly contrary … to the provisions of Article 6.'

30. Din il-Qorti taghmel referenza ghall-kunsiderazzjonijiet taghha taht l-ewwel aggravju tal-intimati, fejn ikkonfermat id-decizjoni tal-ewwel Qorti illi r-rikorrent kien fil-fatt sofra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu bazat fuq il-principju tan-*ne bis in idem* in kwantu hu kien gie sottopost ghal proceduri kriminali meta fil-fatt kienu gja gew imposti fuqu multi

amministrattivi severi u li kienu ghadhom pendenti. Ladarba l-Qorti sabet li l-proceduri kriminali mehuda kontra r-rikorrent kienu lezivi tad-drittijiet fundamentali tieghu, il-konsegwenzi kollha naxxenti mill-istess proceduri, jigifieri l-piena ta' habs moghtija fil-konfront tieghu u l-inkarcerazzjoni effettiva tieghu bejn it-18 ta' Dicembru 2009 u s-7 ta' Settembru 2010 sehhew ukoll bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

31. Kienet ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta sabet lezjoni tad-dritt tar-rikorrent taht l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, in kwantu id-detenzjoni tieghu sehhet b'konsegwenza ta' proceduri kriminali li rrizultaw li kienu jivvjolaw l-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni.

32. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi respint.

*Ir-Raba' Aggravju*

33. Dan jirrigwardja dik il-parti tas-sentenza apellata fejn l-ewwel Qorti akkollat l-ispejjez lill-intimati, salv ghal dawk relattivi ghall-Prim Ministru, li allura gew akkollati lir-rikorrenti.

34. Din il-Qorti, tenut kont li t-tieni aggravju, relatat mal-Artikolu 83[3] tal-Kap. 406 qed jitqies bhala gustifikat, hi tal-fehma li t-tielet talba kellha tigi michuda u dan kellu jigi rifless fil-kaz tal-ispejjez tal-ewwel istanza

billi l-ispejjez ta' din it-talba kellhom ikunu a kariku tar-rikorrenti u mhux tal-intimati.

35. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

L-Aggravji tal-Appell tar-Rikorrent

*L-Ewwel u t-Tielet Aggravju*

36. Permezz ta' dawn l-aggravji, r-rikorrent jilmenta minn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti illiberat lill-Prim Ministru mill-osservanza tal-gudizzju u konsegwentement ma kelliex taddossa fuqu l-ispejjez relattivi.

37. Ir-rikorrent jissottometti illi, ghalkemm hemm zewg skejjel ta' hsieb u sentenzi recenti li jsostnu it-tezi tas-sentenza appellata, l-incertezza ma gietx eliminata u kien hemm proposti anke ghal riformi legislattivi. Ghalhekk meta huwa harrek lill-Prim Ministru huwa ghamel dan biex jkun prudenti anki tenut kont tas-sanzjoni ta' nullita` prevista f'kazijiet intavolati fl-assenza tal-legittimu kuntradittur.

38. L-intimati jwiegbu bis-sottomissjoni principali illi l-ewwel aggravju jmur kontra dak li jrid u jghid l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

39. Fir-rigward din il-Qorti tirribadixxi li[40]:

> "...il-posizzjoni legali korretta hija dik enuncjata minn din il-Qorti f'diversi sentenzi citati fil-kawza fl-ismijiet *Emanuel Caruana et v. Il-Prim Ministru et*,[41] fejn din il-Qorti osservat hekk:
>
> "… … … din il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet *Alfred Spiteri et vs Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta*[42] fejn din il-Qorti indirizzat il-vertenza kemm fid-dawl ta' dak li jiddisponi l-artikolu fuq citat kif ukoll b'referenza ghal dak li jiddisponi l-Artikolu 242 indikat fis-sentenza appellata:
>
> > ".......l-Artikolu 181B tal-istess kap, li huwa l-artikolu fil-kodici tal-procedura appozitament maghmul sabiex jirregola r-rapprezentanza tal-gvern fl-atti gudizzjarji. .......... jistipula b'mod car li r-rapprezentanza tal-gvern hija vestita fil-kap tad-dipartiment koncernat kif ukoll, f'certu oqsma, fil-persuni indikati fil-proviso tal-istess artikolu, u fil-kazijiet li ma jaqghux taht l-ewwel sub-inciz, allura r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita fl-Avukat Generali. Imkien f'dan l-artikolu ma jissemma' l-Prim Ministru. Li kieku l-ligi riedet li f'certu kazijiet bhal dawk in dizamina kelllu jitharrek ukoll il-Prim Ministru, kienet tghidu - quod lex voluit lex dixit. Dan il-hsieb jinsab fortifikat bil-principju enuncjat minn din il-Qorti fil-kawza *H.Vassallo & Sons Limited v. Avukat Generali* moghtija fit-30 ta' Settembru 2012 li l-imsemmi Artikolu 181B japplika minghajr distinzjoni kemm ghall-proceduri ordinarji kif ukoll ghal dawk ta' natura kostituzzjonali.[43]
> >
> > "Kif osservat minn din il-Qorti fil-kawza *Glenn Bedinfield v. Kummissarju tal-Pulizija* et deciza fil-31 ta' Lulju 2000:

---

[40] Q.Kos. Robert Ciantar v. Onor. Prim Ministru et, deciza 30 Settembru 2016

[41] Ikkwotata b'approvazzjoni minn din il-Qorti f'sentenza aktar recenti taghha fl-ismijiet Mifsud David v. L-Onorevoli Prim Ministru Et deciza fl-24 ta' Gunju 2016

[42] Deciza 7 Otubru 2013

[43] Ara wkoll f'dan is-sens Q.Kost Sean Bradshaw et v. Avukat Generali et, deciza fis-6 Frar 2015

> "....proprju bl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Kap. 12 jidher li l-Prim Ministru ma kellux strettament locus standi f'dan il-gudizzju ghax ma kienx ghall-fini specifiku ta' rapprezentanza gudizzjarja jirraprezenta l-Gvern jew ghall-anqas il-prezenza tieghu ma kienitx mehtiega biex il-gudizzju ikun integru. Dan fis-sens li l-Gvern ikun adegwatament rapprezentat mill-Avukat Generali f'dawk il-kazijiet l-ohra kollha fejn il-ligi ma tispecifikax mod iehor."

40. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati u qed jigu michuda.

*It-Tieni Aggravju*

41. F'dan l-aggravju ir-rikorrent jilmenta mill-fatt illi ma nghatax *'just satisfaction'* ghaliex, filwaqt li l-piena karcerarja kienet giet skontata u l-*'hardship'* ikkawzat minnha ma jistax jithassar, il-multi xorta baqghu in vigore. Jghid li kellu jinghata kumpens finanzjarju illi jirrifletti l-*'hardship'* ta' piena ta' prigunerija ngusta, u wkoll kellhom jithassru l-"multi amministrattivi u l-imghax punittiv" tieghu lejn il-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

42. L-intimati jwiegbu ghal dan l-aggravju billi jissottomettu illi ma jaqblux illi r-rikorrent sofra lezjoni tal-artikolu protokolari fuq indikat. Ukoll, bla pregudizzju ghal dan, f'kaz li l-Qorti kellha issib illi tassew sehhew infrazzjonijiet tad-drittijiet tar-rikorrent dan la jisthoqqlu kumpens monetarju u lanqas li jithassrulu d-djun.

43. Jghidu li l-fatt li r-rikorrent kien ghamel zmien il-habs, dan kien rizultat tas-sejbien ta' htija tieghu tar-reat ta' approprijazzjoni indebita ta' hwejjeg ta' haddiehor. Jissenjalaw in-nuqqas tar-rikorrent li jissolleva d-difiza tal-gudikat skont l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali, in-nuqqas tieghu li fil-proceduri kriminali jitlob li ssir referenza kostituzzjonali/konvenzjonali dwar dan il-fatt u n-nuqqas tieghu li jintavola proceduri kostituzzjonali fiz-zmien opportun u minnflok, ressaq dawn il-proceduri snin wara li hu kien skonta l-piena, ghalhekk huwa applikabbli l-principju *vigilantibus non dormientibus jura succurunt*.

44. L-intimati jissottomettu wkoll illi d-dejn li r-rikorrent ghandu mad-Dipartiment mhux kollu jikkonsisti f'penali amministrattivi izda jikkonsisti wkoll fl-ammont proprju ta' VAT u taxxa tas-Sisa li hu baqa' ma hallasx u zgur li tali ammont ma jistax jitqies bhala kastig. Ghalhekk ma hijiex soluzzjoni ekwa li jithassarlu d-dejn kollu. F'kaz li tassew jinstab ksur tal-Artikolu 4 tas-Seba' Protokoll. tal-Konvenzjoni, xorta ma jistghux jigu mhassra z-zewg kastigi, izda wiehed biss.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

45. F'materja ta' rimedju ghall-vjolazzjoni konvenzjonali subita huwa rilevanti dak li osservat il-Qorti Ewropea fil-kaz Frendo Randon and Others v. Malta[44]:

> "If the nature of the violation allows of *restitutio in integrum* it is the duty of the State held liable to effect it, the Court having neither the power nor the practical possibility of doing so itself. If, however, national law does not allow – or allows only partial – reparation to be made for the consequences of the breach, Article 41 empowers the Court to afford the injured party such satisfaction as appears to it to be appropriate ."

46. Issir referenza wkoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Robert Ciantar v. Onor. Prim Ministru et**,[45] fejn dwar rimedju effettiv wara sejba ta' molteplicita` ta' proceduri kontra r-rikorrent, din il-Qorti sahqet:

> "48. …… ghandu jirrizulta car li r-rimedju ewlieni fil-kaz odjern huwa t-thassir ta' dak li jikkostitwixxi vjolazzjoni, jigifieri s-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u d-digrieti relattivi ghall-konverzjoni tal-multa fi prigunerija moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati."

47. Fil-kaz odjern, dak li wassal ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrent protett bl-Artikolu 4 fuq indikat, mhuwiex l-impozizzjoni tal-multi amministrattivi u tal-imghax relattiv, izda huma l-proceduri quddiem il-qrati kriminali li wasslu ghas-sejbien ta' htija tieghu u l-kundanna tieghu ta' tlettax-il xahar prigunerija, fl-istess zmien meta l-multi amministrattivi kienu diga' gew imposti fuqu. Ghalhekk ir-rimedju ghandu jkun, mhux li jithassru l-multi amministrattivi u l-imghaxijiet fuqhom, izda li jithassru s-

[44] Deciz 4 Novembru 2013 – Para.16
[45] Deciz 30 Settembru 2016.

sentenzi moghtija mill-qrati kriminali ghax huma dawn li taw lok ghal ksur tal-artikolu fuq citat.

48. Rigward il-fatt li, rizultat tal-proceduri penali, ir-rikorrent diga` skonta piena karcerarja, meta dawk il-proceduri u l-kundanna tieghu jirrizultaw lezivi ghad-dritt fundamentali tieghu, din il-Qorti hi tal-fehma li r-rimedju f'dan il-kaz jista' jkun biss wiehed non-pekunjarju f'ammont li jikkumpensa lir-rikorrent ghall-ansjeta' u frustrazzjoni li l-proceduri kriminali u l-kundanna ta' habs neccessarjament ikkagunawlu u ghat-telf tal-liberta` tieghu ghaz-zmien ta' tlettax-il xahar.

49. Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont ukoll tal-fatt li fil-proceduri kriminali r-rikorrent naqas milli jistitwixxi l-proceduri kostituzzjonali tempestivament sabiex jevita' li jiskonta l-piena karcerarja, oltre t-thassir tas-sentenzi kriminali, kumpens ta' [46]*~~€1,000~~ kien wiehed xieraq fil-kaz odjern.

50. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi.

<u>Decide</u>

Ghaldaqstant tiddeciedi billi: tilqa' l-appell tal-intimati limitatament billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie dikjarat li l-Artikolu 83(3) tal-Kap 406 f'dan il-kaz huwa leziv tad-dritt fundamentali tar-

[46]*Korrezzjoni awtorizzata b'digriet tad-29 ta' Awwissu 2017

rikorrent protett bl-Artikolu 4 tas-Seba' Protokol tal-Konvenzjoni; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn giet michuda l-hames talba tar-rikorrenti diretta sabiex dan jinghata rimedju u minflok, tordna li, apparti mit-thassir tas-sentenzi indikati r-rikorrent jinghata kumpens ta' elfejn euro [€2,000], liema ammont jista' jekk ikun il-kaz jigi pacut in parte mal-ammont tat-taxxa dovuta u tordna lill-intimati *in solidum* bejniethom ihallsu lir-rikorrent dan l-ammont; tikkonferma s-sentenza ghall-bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jkunu a kariku tar-rikorrent in kwantu ghal erbgha minn sebgha [$^4/_7$] filwaqt li r-rimanenti tlieta minn sebgha [$^3/_7$] jkun a kariku tal-intimati; l-ispejjez tal-appell tal-intimati jkunu a kariku tal-intimati in kwantu ghal erbgha minn hamsa [$^4/_5$] u r-rimanenti kwint [$^1/_5$] ikun a kariku tar-rikorrent; l-ispejjez tal-appell tar-rikorrent ikunu a kariku tieghu inkwantu ghal terz [$^1/_3$] filwaqt li r-rimanenti zewg terzi [$^2/_3$] jkunu a kariku tal-intimati.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df/mb